5.3.2014 A7-0139/29

**Emenda 29**
**Cornelia Ernst, Kyriacos Triantaphyllides, Patrick Le Hyaric, Rina Ronja Kari, Martina Anderson, Jiří Maštálka, Willy Meyer, Nikola Vuljanić, Nikolaos Chountis, Marie-Christine Vergiat, Jacky Hénin, Paul Murphy**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A7-0139/2014**
**Claude Moraes**
Il-programm ta' sorveljanza tal-NSA tal-Istati Uniti, il-korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE
2013/2188(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jitlob lill-Istati Uniti u lill-Istati Membri tal-UE sabiex jirtiraw proċessi kriminali, jekk hemm, kontra Edward Snowden, u lill-Istati Membri biex jagħtuh status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni internazzjonali u konsegwentement jipprevjenu l-estradizzjoni jew ritorn minn partijiet terzi, b'rikonoxximent tal-istatus tiegħu bħala żvelatur u difensur internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;*** |

Or. en

**Emenda 30**
**Cornelia Ernst, Kyriacos Triantaphyllides, Patrick Le Hyaric, Rina Ronja Kari, Martina Anderson, Jiří Maštálka, Willy Meyer, João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Nikola Vuljanić, Nikolaos Chountis, Jacky Hénin, Paul Murphy**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A7-0139/2014**
**Claude Moraes**
Il-programm ta' sorveljanza tal-NSA tal-Istati Uniti, il-korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE
2013/2188(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 54a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***54a. Jitlob it-tmiem immedjat tal-Ftehim PNR mal-Istati Uniti;*** |

Or. en

**Emenda 31**
**Cornelia Ernst, Kyriacos Triantaphyllides, Patrick Le Hyaric, Rina Ronja Kari, Martina Anderson, Jiří Maštálka, Willy Meyer, João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Nikola Vuljanić, Nikolaos Chountis, Marie-Christine Vergiat, Jacky Hénin, Paul Murphy**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A7-0139/2014**
**Claude Moraes**
Il-programm ta' sorveljanza tal-NSA tal-Istati Uniti, il-korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE
2013/2188(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 54b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***54b. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri sabiex itemmu l-isforzi kollha biex jiġu stabbiliti sistemi li jiġbru u jipproċessaw l-informazzjoni PNR, fuq livell nazzjonali u Ewropew*.** |

Or. en

5.3.2014 A7-0139/32

**Emenda 32**
**Cornelia Ernst, Kyriacos Triantaphyllides, Patrick Le Hyaric, Rina Ronja Kari, Martina Anderson, Jiří Maštálka, Willy Meyer, Nikola Vuljanić, Nikolaos Chountis, Marie-Christine Vergiat, Jacky Hénin, Paul Murphy,**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A7-0139/2014**
**Claude Moraes**
Il-programm ta' sorveljanza tal-NSA tal-Istati Uniti, il-korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE
2013/2188(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 73**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 73. ***Jenfasizza bis-saħħa, minħabba l-importanza tal-ekonomija diġitali fir-relazzjoni u fil-kawża tal-bini mill-ġdid tal-fiduċja bejn l-UE u l-Istati Uniti, li l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-ftehim tat-TTIP finali tista' tiġi pperikolata kemm-il darba*** l-attivitajiet ta' sorveljanza tal-massa ***ġenerali*** u l-interċezzjoni tal-komunikazzjonijiet fl-istituzzjonijiet tal-UE u r-rappreżentanzi diplomatiċi ma ***jiġux abbandonati*** għalkollox u tinstab soluzzjoni adegwata għad-drittijiet tal-privatezza tad-data taċ-ċittadini tal-UE, inkluż rimedju amministrattiv u ġudizzjarju; jenfasizza li l-Parlament ***jista'*** jagħti l-approvazzjoni biss għall-ftehim TTIP finali kemm-il darba l-ftehim jirrispetta bis-sħiħ, ***inter alia***, id-drittijiet fundamentali rikonoxxuti mill-Karta tal-UE, u kemm-il darba l-protezzjoni tal-privatezza tal-individwi b'rabta mal-ipproċessar u t-tixrid ta' data personali trid tkompli jibqgħu regolata mill-Artikolu XIV tal-GATS; jenfasizza li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data ma tistax titqies bħala "diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata" fl-applikazzjoni tal-Artikolu | 73. ***Jitlob għas-sospensjoni immedjata tan-negozjati dwar il-ftehim TTIP sakemm*** l-attivitajiet ta' sorveljanza ***ġenerali*** tal-massa u ***l-ipproċessar tal-massa ta' data personali kif ukoll*** l-interċezzjoni tal-komunikazzjonijiet fl-istituzzjonijiet tal-UE u r-rappreżentanzi diplomatiċi ma ***jitwaqqfux*** għalkollox u tinstab soluzzjoni adegwata għad-drittijiet tal-privatezza tad-data taċ-ċittadini tal-UE, inkluż rimedju amministrattiv u ġudizzjarju***, għadha ma nstabitx***; jenfasizza ***l-fatt*** li l-Parlament ***għandu*** jagħti l-approvazzjoni biss għall-ftehim TTIP finali kemm-il darba l-ftehim jirrispetta bis-sħiħ, ***fost l-oħrajn***, id-drittijiet fundamentali rikonoxxuti mill-Karta tal-UE, u kemm-il darba l-protezzjoni tal-privatezza tal-individwi b'rabta mal-ipproċessar u t-tixrid ta' data personali trid tkompli jibqgħu regolata mill-Artikolu XIV tal-GATS; jenfasizza li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data ma tistax titqies bħala "diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata" fl-applikazzjoni tal-Artikolu XIV tal-GATS; |

XIV tal-GATS;

Or. en